

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-4 ta' Mejju 2010

dwar l-applikazzjoni tal-Bulgarija għal miżuri protettivi fir-rigward ta' deroga mill-obbligi skont id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 2688)

(It-test bil-Bulgaru biss huwa awtentiku)

(2010/264/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att dwar il-kundizzjonijiet ta' adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija mibnija l-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-applikazzjoni tal-Bulgarija,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni <sup>(2)</sup> għandha l-għan li tillimita l-emissjonijiet fl-arja tad-dijossidu tal-kubrit (SO<sub>2</sub>), l-ossidi tan-nitroġenu (NO<sub>x</sub>) u t-trab minn impjanti tal-kombustjoni b'kapaċità termali totali ta' 50 megawatt (MW) jew aktar. Għal dan il-għan, id-Direttiva tistipula valuri ta' limitu tal-emissjonijiet għal dawn l-impjanti, kif ukoll l-obbligi ta' monitoraġġ u rappurtar. Għal impjanti eżistenti l-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet japplikaw mill-1 ta' Jannar 2008.
- (2) Skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/80/KE, ċerti impjanti eżistenti jistgħu jagħżlu li "jkunu eżentati mill-konformità mal-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet". Il-prikondizzjoni għal din l-għażla hija li l-operatur tal-impjant kellu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti li l-impjant ma kienx se jitħaddem aktar minn 20 000 siegħa bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2015. Il-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet tad-Direttiva ma japplikawx għal dawk l-impjanti li għażlu li "jkunu eżentati mill-konformità mal-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet".
- (3) Waqt in-negożjati tad-adeżjoni, il-Bulgarija kisbet derogi mill-applikazzjoni tal-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet skont id-Direttiva 2001/80/KE għal 4 impjanti tal-kombustjoni (TPP "Varna", TPP "Bobov dol", TPP "Ruse East" u TPP "Lukoil Neftochim");
- (4) Permezz tal-ittra tal-31 ta' Diċembru 2009, il-Bulgarija applikat mal-Kummissjoni għall-awtorizzazzjoni biex

tinwoka l-Artikolu 36 tal-Att tal-Adeżjoni għal miżuri protettivi, sal-31 ta' Diċembru 2014, fir-rigward ta' ħames impjanti ta' kombustjoni (TPP "Bobov dol", Brikel SJSC, Maritza 3 SJSC, TPP "Repubblika" u TPP "Sliven").

- (5) TPP "Bobov dol" għandu deroga skont it-Trattat ta' Adeżjoni għal żewġ unitajiet sal-31 ta' Diċembru 2011 u l-31 ta' Diċembru 2014, rispettivament; it-tielet unita kellha tkun konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2001/80/KE mill-1 ta' Jannar 2008 'l quddiem.
- (6) Brikel SJSC u Maritza 3 SJSC għażlu li "jkunu eżentati mill-konformità mal-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet" skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/80/KE, għalhekk ma jistgħux joperaw għal aktar minn 20 000 siegħa bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2015.
- (7) L-awtoritajiet Bulgari jibbażaw l-applikazzjoni tagħhom fuq id-diffikultajiet ekonomiċi, li jikkawżaw dewmien sostanzjali fl-investimenti meħtieġa biex impjanti konċernati jiġu mmodernizzati jew sostitwiti. Għalhekk, l-impjanti ma jkunux jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2001/80/KE fil-limitu taż-żmien previst (skont id-Direttiva 2001/80/KE jew it-Trattat tal-Adeżjoni) u dawn ikollhom jieqfu joperaw. Skont l-applikazzjoni tal-Bulgarija, l-ghelug tal-impjanti jpoġġi riskju fuq il-provvista tal-elettriku u tas-sħana għar-reġjuni tax-Xlokk u tal-Lbiċ tal-Bulgarija. Dan jista' jwassal ukoll għall-ghelug tal-minjieri fil-qrib, li l-operat tagħhom jiddependi fuq id-domanda tal-faħam għall-impjanti ta' kombustjoni.
- (8) L-Artikolu 36 tal-Att ta' Adeżjoni jikkonċerna biss diffikultajiet serji li jinqalgħu b'riżultat tal-applikazzjoni tar-regoli tas-suq intern mill-Istat Membru ġdid, jew għalih stess, jew għal Stati Membri oħra. Għandu l-għan li jtaffi għal fteit l-effetti tar-regoli fuq l-ekonomija tal-pajjiż, iżda ma jippermettix derogi mill-acquis tal-UE f'oqsma oħra ta' politika, bħall-leġiżlazzjoni ambjentali.
- (9) Id-diffikultajiet allegati tal-Bulgarija mhumix konsegwenza tar-regoli tas-suq intern tal-UE, iżda huma marbuta mal-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE. Mhumix diffikultajiet fuq medda qasira ta' żmien, billi feġġew matul it-tliet snin wara l-adeżjoni tal-Bulgarija mal-UE. Kienu jeżistu diġà fil-waqt tal-abozzar tal-Att ta' Adeżjoni, u l-Anness VI, li jinkorpora miżuri tranżizzjonali li japplikaw għall-Bulgarija, inkluż dawk li jikkonċernaw id-Direttiva 2001/80/KE.

<sup>(1)</sup> ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203.

<sup>(2)</sup> ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1.

(10) L-applikazzjoni tal-Bulgarija taqa' għalhekk 'il barra mill-ambitu tal-Artikolu 36 tal-Att ta' Adeżjoni u għandha tiġi rrifjutata bħala mhix ammissibbli,

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2010.

*Artikolu 1*

L-applikazzjoni tal-Bulgarija għal miżuri protettivi skont l-Artikolu 36 tal-Att ta' Adeżjoni, bil-għan li tikseb deroga mill-obbligi skont id-Direttiva 2001/80/KE, hija rrifjutata.

*Għall-Kummissjoni*

Janez POTOČNIK

*Membru tal-Kummissjoni*